MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Numru 195/2004

Il-Pulizija
(Spettur Ian Joseph Abdilla)

vs

Carmela Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 471764(M) akkuzata talli:

1. fl-4 ta' Marzu 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra

sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b’qerq ta’ aktar minn Lm 3,000.00 ghad-dannu ta’ Alfred Pace, Margerita Pace, Fiorella Pace u Blair Pace. (Dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. fl-istess zmien, weghdet, tat jew offriet, sew b’mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra billi asserixxiet jew ikkonfermat li hi kienet kapaci li taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi xi persuna, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor. (Dan bi ksur tal-Artikoli 18, 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Ukoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ewwel udjenza tal-lum l-imputata rregistrat ammisjoni volontarja u inkondizjonata ghall-akkuzi kontriha dedotti fl-liema ammisjoni baqghet tinsisti fuqha anka wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra.

L-akkuzi kontra l-imputata huma tat-traffikar u l-uzu ta’ influwenza bi ksur tal-Artikolu 308, 309, 310 u 121 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata, l-Qorti qeghda tiddikjara l-imputata hatja tal-akkuzi dedotti:

Rat l-Artikoli fuq citati, wkoll l-Artikolu 18 u 17 tal-Kap 9 u tiddeciedi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446

tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabiltajiet taghha li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------